MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 10(2012), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tnejn 8 ta'Ottubru 2012, fil-5:30 p.m.

1. **Preżenti :**

| | |
|---|---|
| Sindku | Edric Micallef (E.M.) |
| Viċi-Sindku | Carmelo Bugeja (C.B.) |
| Kunsilliera | Steven Grech (S.G.) |
| | AngeloMicallef (A.M.) |
| | Stephen Caruana (S.C.) |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Duncan Hall (D.H.) |

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Qari tal-Minuti
2. *Arisings* mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Komunikazzjonijiet tas-Sindku
5. Aġġudikar ta' sejħa għall offerti numru MXLC03/2012
6. Approvazzjoni ta' ħlasijiet
7. Affarijiet oħra

**Talba**

Is-Sur Angelo Micallef flimkien ma' dawk preżenti qal it-talba.

**1. Qari tal-Minuti**

1.1 Minuti numru 10(2012) kienu tqassmu qabel il-laqgħa u għaldaqstant ġew meħuda bħala moqrija.

1.2 Is-Sur E.M. qal illi f'para 6.1 wara il-kliem 'Mit-tndif ma' kellux', il-kelma 'seta' għandha tinbidel mal-kelma 'setgħa'. Il-Kunsill unanimament approva dan il-bdil.

1.3 Wara konsiderazzjoni il-Kunsill fuq mozzjoni tas-Sur A.M. issekondata mis-Sur S.G. unanimament approva il-minuti bħala dokument korrett.

**2 Arisings mill-Minuti**

2.1 Ma kienx hemm

3 **Korrispondenza**

Inqrat il-Korrispondenza kollha.

3.1 Permezz ta' notifika datata 29 ta' Settembru 2012 l-Awtorita' Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar talbet lil kull min kien interessat sabiex iressaq rappreżenazzjoni b'konessjoni ma' applikazzjonijiet numru PA/01352/08 u PA04988/08. Wara li ingħataw dettalji dwar iż-żewġ applikazzjonijiet, li t-tnejn li huma kienu relatati ma fish farms, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jirreġistra l-interess tiegħu f'din il-materja u jitlob lil MEPA aktar dettalji dwarhom ( pjanti eċċ).

*Is-Sindku ressaq proposta sabiex tinbidel il-proċedura tal-laqgħa u jkunu jista' jsir intervent mis-Sur Mark Żammit, Segretarju ta' l-Assoċjazzjoni bejjiegħa tal-Monti, li kien intalab mill-Kunsill Lokali jattendi għas-seduta. Wara imbagħad kellhom jiġu dikussi item 5 u item 6 fuq l-aġenda. Din il-mozzjoni għaddiet b'vot unanimu tal-Kunsilliera preżenti*

F'dan l-istadju intalab jagħmel l-intervent tiegħu is-Sur Mark Żammit, segretarju ta' l-Assocjazzjoni bejjiegħa tal-Monti, li kien intalab mill-Kunsill Lokali jattendi għas-seduta sabiex jiġu diskussi temi rigward is-suq fil-beraħ li kien jarma kull nhar ta' Ħadd fil-lokalita'. Is-Sur Żammit beda billi qal illi flimkien miegħu kienu ser ikunu qiegħdin jirrappreżentaw lill-Assoċjazzjoni, is-Sur Michael Sultana u s-Sur Daniel Mercieca. Huwa żied jgħid illi bħala Assoċjazzjoni kellhom imsieħba magħhom il-maġġoranza assoluta tal-bejjiegħa u għaldaqstant l-Assoċjazzjoni Bejjiegħa tal-Monti kellha dritt illi tinnegozja mal-Kunsill Lokali f'isem il-bejjiegħa. Is-Sur Żammit qal ukoll illi l-Assoċjazzjoni li kien qiegħed jirrapreżenta kienet lesta illi tikkollabora mal-Kunsill Lokali sabiex is-Suq fil-beraħ ikun jista' jiġi organizzat.
Is-Sur Edric Micallef qal illi fl-opinjoni tiegħu, waħda mill-materji li kellhom jiġu deċiżi, kien dwar id-daqs tal-posti. Huwa żied jgħid illi skond *white paper* li kienet ġiet ippreżentata d-daqs propost għall-posti kien tal sitt metri tul u żewġ metri u nofs fond. Is-Sur Żammit qal illi filwaqt li dan kien minnu, l-assoċjazzjoni kienet qiegħda tipproponi illi t-tul tal-posti fis-suq fil-beraħ ta' nhar ta' Ħadd ( fiż-żona tal-pavimentar) ikun ta' ħames metri u nofs. Kien hemm qbil illi din il-proposta għandha tiġi adottata għaliex dan kien ifisser illi kienu ser jidħlu posti fiż-żona u tkun qiegħda tiġi riżolta problema ta' spazju. Fl-istess waqt kien hemm qbil ukoll illi dawk il-bejjiegħa illi kellhom posta akbar mid-daqs imsemmi kellha tiqsarilhom il-posta sabiex ikunu konformi. Rigward il-bejjiegħa li l-posta tagħhom kienet iżgħar mid-daqs imsemmi, dawn kellhom iżommu d-daqs oriġinali u tiġi evalwata l-possibilita' illi jkun hemm posti illi jkunu maqsuma bejn żewġ bejjiegħa. Intleħaq qbil ukoll illi d-daqs tal-posti tal-bejjiegħa kellu jkun dak li kien ittieħed qabel ma' sar iċ-ċaqliq tas-suq fil-beraħ għaliex kien hemm xi bejjiegħa illi wara li sar iċ-ċaqliq kienu kabbru il-posti tagħhom. Dawn il-miżuri kellhom iservi sabiex filwaqt li jiġi ikun hemm tqassim aħjar tal-posti, is-suq fil-beraħ ma jkomplix jikber.
Is-Sindku qal illi problema oħra li kien qiegħed joħloq is-Suq fil-beraħ kienet l-iskart li kien jitħalla mill-bejjiegħa fuq il-post. E.M. żied illi għall-aħħar snin il-Kunsill Lokali kellu kuntratt ma' kuntrattur privat sabiex wara l-operat tas-suq fil-beraħ titnaddaf iż-żona. Madanakollu, bi qbil unanimu, il-Kunsill Lokali kien iddeċieda illi ma kienx ser jibqa' jnaddaf wara l-operat tas-Suq fil-beraħ. Dwar dan kienet inħarġet stqarrija għall-istampa. Huwa kkwota kif avviż legali numru 119 ta' l-2002 kien jgħid illi l-bejjiegħa kienu kollettivament responsabbli illi jħallu s-sit nadif wara l-operat tagħhom. Wara diskussjoni libera, is-Sur Mark Żammit qal illi l-Assoċjazzjoni kienet lesta illi tikkollabora mal-Kunsill f'dan il-qasam u kemm il-darba ikun hemm bżonn kienet lesta illi tqassam avviż lill-bejjiegħa.
Is-Sur Steven Grech flimkien mas-Sur Edric Micallef qalu illi xtaqu illi tiġi dikussa wkoll it-tema tal-ħinijiet ta' l-operat ta' l-istess suq fil-beraħ. Is-Sur Grech qal illi fl-opinjoni tiegħu il-bejjiegħa

kienu qiegħdin jabbużaw. Huwa żied illi xi residenti kienu infurmawh illi l-istess bejjiegħa ġieli bdew jarmaw il-posta tagħhom fl-4:00a.m., ħin li naturalment kien joħloq inkonvenjent. Is-Sindku min-naħa tiegħu irrimarka kif fl-opinjoni kien jeħtieġ jintleħaq qbil rigward il-ħin li fih kellhom iżarmaw il-posti tagħhom il-bejjiegħa. Wara diskussjoni libera dwar din it-tema, intleħaq qbil bejn l-assoċjazzjoni bejjiegħa tal-monti u l-Kunsill Lokali illi l-istess assoċjazzjoni kellha tressaq il-proposti tagħha dwar din il-materja.

Is-Sindku qal illi kien jinħtieġ ukoll illi tinstab soluzzjoni għall-problema li kienu joħolqu l-vannijiet tal-bejjiegħa f'Xatt. Huwa żied illi filwaqt li kien jifhem lill-bejjiegħa għaliex ikollom il-materjal fil-vannijiet, dawn ta' l-aħħar kienu joħolqu inkonvenjent. Is-Sur Żammit, flimkien mar-rappreżentanti ta' l-Assoċjazzjoni saħqu, illi għall-bejjiegħa kien essenzjali illi jkollhom il-vannijiet viċin tal-posta għaliex l-sitock tagħhom kien jitħalla fl-istess vannijiet. Issemmiet ukoll il-possibilita' illi l-istalls tal-bejjiegħa ikunu uniformi. Madanakollu kien hemm qbil illi kien għadu prematur sabiex isiru diskussjonijiet dwar din it-tema

## 5 Aġġudikar ta' sejħa għall-offerti numru MXLC03/2012

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għal din is-sejħa għall-offerti, il-Kunsill Lokali kien irċieva żewġ dokumenti wieħed mingħand is-Sur Joseph Caruana u l-ieħor mingħand RMS Ltd. Huwa imbagħad għadda sabiex jispjeg r-rakkomandazzjoni tal-bord ta' evalwazzjoni li kienet tgħid illi kemm il-darba l-offerta li kien għamel is-Sur Caruana kienet waħda legalment valida, is-Sur Caruana kellu jingħata x-xogħolijiet. Madanakollu l-bord kien irrakkomanda illi kemm il-darba is-sejħa me setgħetx tiġi aġġudikata lis-Sur Caruana, kellha tinħareġ sejħa għall-offerti mill-ġdid. Kien hemm diskussjoni libera li matulha ġie diskuss fost l-oħrajn, il-fatt illi s-sejħa għall-offerti kienet tgħid illi l-parti in-kwistjoni kollha ta' Xatt is-Sajjieda tingħata wiċċ ġdid bit-tarmak, meta il-Kunsill seta' jevalwa l-possibilita' illi parti mit-triq tingħata wiċċ bil-konkos. Wara li ġiet evalwata din il-possibilita' u kien hemm qbil unanimu dwarha, fuq mozzjoni tas-Sur Carmelo Bugeja, issekondata mis-Sur Stephen Caruana u li għaddiet b'mod unanimu, ittieħdet id-deċiżjoni illi tinħareġ sejħa għall-offerti mill-ġdid sabiex ikun jista' jsir tibdil hekk kif deċiż.

## 6 Approvazzjoni ta' ħlasijiet

6.1 Fuq mozzjoni tas-Sur Steven Grech u li ġiet issekondata mis-Sur Carmelo Bugeja il-Kunsill approva unanimament il-pagamenti li huma nklużi fl-Iskeda ta' Pagamenti (Skeda Nru 07/12(NC)) li hi annessa ma' u li tifforma parti minn dawn il-Minuti.

Il-laqgħa spiċċat fit-8:30p.m. mingħajr ma kien hemm eżawriment ta' l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 15 t'Ottubru 2012.

**Edric Micallef**
**Sindku**

**Duncan Hall**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data :**